MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA MALTA

## ONOR. IMHALLEF SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 27/1999/1

**Christine Ellul**

**Vs**

**Brian Ellul**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-kontendenti zzewgu fil-15 ta’ Lulju 1993 fil-Laboratorju tal-Paci f’Hal Far;

Premess illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellha tifla, Kimberley, illum ta’ hames snin;

Premess illi l-kontendenti huma separati minn xulxin b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler;

Premess illi l-kunsens moghti mill-kontendenti ghaz-zwieg kien ivvizzjat ai termini ta' l-Artikolu 19(1) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara null iz-zwieg tal-kontendenti celebrat fil-15 ta' Lulju 1993 ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat il-verbal ta' l-Udjenza tas-16 ta' Settembru 1999 fejn il-konvenut ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh, li pero` baqa' ma pprezentax in-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Essenzjalment bl-azzjoni proposta minnha l-attrici qed tafferma illi l-kunsens taghha u dak tal-konvenut kien ivvizzjat ghar-ragunijiet mahsuba fl-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255. Dan id-dispost tal-ligi jippreciza illi zwieg ikun null:

(d) "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha

impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg." u

(f) "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."

Qabel xejn ma jkunx inopportun jekk ghal darba ohra tigi puntwalizzata l-osservazzjoni akkolta ukoll fil-gurisprudenza taghna illi "z-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta` u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss" - "**Carmel Farrugia -vs- Pauline Farrugia**, Appell Civili, 28 ta' Lulju 1987;

Dan il-hsieb jinsab ribadit fid-decizjoni recensjuri tal-Qorti ta' l-Appell tad-9 ta' Frar 2001 fil-kawza fl-ismijiet "**Josette Spiteri nee` Scicluna -vs- George Spiteri**" u fejn ukoll gie emfasizzat illi l-Qorti "kellha allura bazikament tikkonsidra z-zwieg bhala kuntratt, anke jekk ta' natura partikolari, in kwantu jibqa', u hu sal-lum, rikonoxxut bhala l-fondament li jikkreja n-nukleju familjari li fuqu s-socjeta` hi komposta u organizzata s-socjeta`.";

Tajjeb li jigi precizat ukoll il-punt f'dan il-kuntest illi kif ravvizat f'din id-decizjoni appena citata, u b'referenza ghall-Artikolu 35 tal-Kap. 255 imsemmi, wara l-introduzzjoni ta' l-Att dwar iz-Zwieg "ma jibqax fil-fehma ta' din il-Qorti korrett li jigi automatikament, u b'mod akritiku applikat l-insenjament gurisprudenzjali tal-ligi kanonika ghall-interpretazzjoni tal-ligi civili.";

Din l-affermazzjoni, hekk posta fuq binarju guridiku korrett, stabbilit id-dikotomija bejn il-kriterji addottati fil-ligi kanonika ghall-materja ezaminata u dawk dettati mill-principji tad-dritt civili li "in materja ta' kunsens kontrattwali ghandu l-insenjament u tradizzjoni guridika tieghu" u per konsegwenza "ma kellux jigi skartat minhabba l-fatt li l-ligi specjali taz-Zwieg (Kap 255) jimponi kriterji specifici fir-rigward tal-validita` tal-kunsens fir-rabta taz-zwieg.";

Dan stabbilit, ghal dawk li huma provi dak li jirrizulta huwa s-segwenti:-

(a) Il-kontendenti zzewgu fil-15 ta' Lulju 1993 u fil-kors taz-zwieg twieldet il-bint minuri komuni;

(b) Ma jirrizultax li qatt tgharrsu pero` kienu bdew jinnamraw meta kienu ghadhom zghar, ta' eta` ta' sittax-il sena. Kien ikollhom rapporti sesswali u l-attrici harget tqila. Qabel din l-okkazjoni ma jidhirx li l-kontendenti kienu gja bdew jikkontemplaw zwieg bejniethom;

(c) Kemm minhabba x-xorta ta' trobbija li kellha, alkwantu religjuza, kemm biex jevitaw "dizunur" u ma jigux f'ilsien in-nies, gie deciz, bl-intervent dirett, l-aktar mill-genituri ta' l-attrici, li jizzewgu. Jidher ghalhekk li kien l-istat ta' gravidanza tal-attrici li pprecipita z-zwieg, anke ghaliex f'diskors l-attrici hi ma xtaqetx li t-tarbija titwieled barra miz-zwieg;

(d) Jinghad ukoll li l-attrici, tifla unika, kellha certa sikkatura f'dar il-genituri taghha mentri fil-kaz tal-konvenut dan ilmenta minn indhil zejjed mill-genituri tieghu;

(e) Issemma li l-kontendenti kienu impreparati ghaz-zwieg, u li l-infatwazzjoni lejn xulxin kienet nieqsa mill-imhabba, tant li mill-ewwel skossaturi tal-hajja mizzewga beda l-glied u l-problemi u dahlet l-indifferenza li waslithom ghal firda personali;

Quddiem dan il-kwadru ta' fatti kombaccjat ma' indikazzjonijiet ohra li jemanu mix-xhieda ta' l-istess kontendenti u tal-genituri taghhom, wiehed irid jara jekk ic-cirkostanzi senjalati mill-attrici fit-talba taghha ghall-annullament taz-zwieg humiex tali li jikkonvincu lill-gudidkant sedenti u fuq kollox jekk dawn l-istess cirkostanzi u sitwazzjonijiet jissodisfawx il-vot tal-ligi. Dan bl-iskop li ma jigix annullat zwieg semplicement fuq ix-

xewqa tal-parti jew partijiet izda kif hekk inhu xieraq fuq is-serjeta` u l-bazi tar-rekwiziti legali;

Fil-fehma ta' din il-Qorti jirrizulta illi:-

(I) Il-fatt li kienu ghadhom zghar, u kienu l-ewwel "*partners*" ta' xulxin, kif ukoll li fiz-zmien tan-namur, kellhom rapporti intimi, konsiderati oggettivament u fiz-zmenijiet tal-lum, jirrientra certament fin-normalita` ta' l-affarijiet. Jekk il-kontrolli personali kienu mankanti dan ma jfissirx li psikologikament din il-koppja ma kinitx normali daqs kull koppja ohra fiz-zmien pre-nuzzjali, jew li l-eta` u dawn ir-rapporti offuskaw il-gudizzju taghhom dwar il-portata taz-zwieg;

(II) Il-gravidanza ta' l-attrici ma twassalx, ghalhekk biss, ghal konkluzjoni jew konvinciment illi l-kunsens tal-partijiet jew ta' xi wahda minnhom kien ivvizzjat;

(III) Lanqas il-biza ta' l-attrici li t-tarbija titwieled illegittima, konsiderat ukoll il-fatt li llum l-illegittimita` ma ghadux kundannat u emarginat bhal fl-imghoddi, ma jibbasta biex jinficja l-kunsens. Di piu` din mhix il-prova li l-ligi trid biex tannulla l-kunsens kontrattwali;

(IV) Intqal illi l-attrici kinet aktar matura mill-konvenut pero` dan mhux korroborat mill-istess provi, u inoltre dan ma jfissirx illi l-konvenut ma kienx jaf ghal x'hiex diehel meta iddecieda li jizzewweg. Huwa rimarkevoli dak li insibu in coda ghall-affidavit tieghu (fol. 19):-

"Il-fatt li konna zghar u bla esperjenza ma hassibnix."

F'dan l-istess kuntest jghoddu wkoll dak li iddeponiet omm l-attrici, Victoria Schembri, fis-sens li "Il-partijiet mill-ewwel dehru li riedu jizzewgu" tant li "it-tieg kien normali ghall-ahhar u kollox mar sew" (Nazzareno Schembri);

Huwa sintomatiku f'kazijiet konsimili illi l-genituri jkunu xxukkjati u *ex post facto* l-fatt tas-separazzjoni jaghtu lis-

sitwazzjoni l-isfumaturi u t-tqanqil personali taghhom. Dan pero` mhux sufficcjenti biex il-firda ta' uliedhom tiggebbed ghac-cirkostanzi anterjuri ghaz-zwieg, fejn donnu l-istess cirkostanzi, fl-apparenza, ma kienux daqstant gravuzi jew anormali;

Gja inghad illi in materja ta' kuntratt taz-zwieg dan irid jigi ezaminat mill-perspettiva tan-normi tad-dritt civili. In tema legali ukoll gie affermat diversi drabi, u dan, b'referenza ghad-disposizzjonijiet speciali fl-Att taz-Zwieg, mill-Qrati taghna illi "ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, fil-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritika - estimativa jew kritika - valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni, lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet zbaljati - in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi prettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju (ara **Emanuel Camilleri -vs- Carmen Camilleri**, Prim' Awla, 10/11/95). Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficcjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammuntax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (**Selina-Maria Vella Haber -vs- Joseph Gatt**" P. A., 15/4/96). Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravisat fl-Artikolu 19 (1) (d) irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku (psikjatriku) jew kostituzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (Ara f'dan is-sens, fost ohrajn, "**Jacqueline Cousin -vs- Bernard Simler**", P. A., 3/6/98; "**Roseanne Cassar -vs- Kenneth Cassar**", P. A., 19/10/98; u "**Carmelo Grima -vs- Mary Andrews**", P. A., 2/11/98)";

Dan l-estratt hawn fuq riportat huwa mehud mid-decizjoni "**Alessandra sive Sandra McMonagle qabel Mamo -vs- Mario Mamo**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imh. V. Degaetano, 26 ta' Ottubru 2000, fejn b'mod konciz jaghti esposizzjoni sana u guridikatament korretta tal-principji involuti fuq din il-materja;

Fl-opinjoni konsiderata ta' dina l-Qorti mill-provi lanqas ma jinsab ravvizat minimu hjiel ta' dak kontemplat fit-tieni parti ta' l-istess Artikolu 19 (1) (d) riferibilment ghal xi "anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Jekk xejn minn dak accennat u muri *supra,* il-kuntrarju, in kwantu ma irrizulta minn imkien illi fil-mument tal-kontrattazzjoni taz-zwieg xi wahda mill-kontendenti kienet affetta minn din l-anomalija f'dak il-mument krucjali;

Ezami ukoll ta' l-atti processwali ghandu jnissel ghal konkluzjoni ili dak espress f'subinciz (f) ghall-Artikolu 19(1) ma giex sostenut u l-partijiet la eskludew il-*bonum prolis* u lanqas il-*bonum fidei* jew il-*bonum sacramenti;*

Mill-provi jirrizulta li l-koppja kellha edukazzjoni religjuza, ikkonsumaw fi kliemhom stess l-att sesswali fid-durata taz-zwieg u certament qdew id-dmirijiet taghhom lejn xulxin;

Naturalment wiehed jasal biex jissimpatizza mal-qaghda taghhom illi z-zwieg ma rnexxiex kif forsi xtaqu huma. Dan pero` ma jinduciex ghar-rizultat illi gie pruvat konkluzivament u b'mod moralment konvincenti illi l-kontendenti ma ghamlux l-ghazliet taghhom volutament u b'mod liberu ezenti minn pressjonijiet. Jekk l-ghazla singolari jew kongunta taghhom kienet zbaljata dan m'ghandux iwassal sal-punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt, hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta' bejniethom, kif hekk jesprimi l-Artikolu 992 Kodici Civili, jigi stultifikat u rez insinjifikanti. Kapaci wkoll jservi ta' pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa' fis-sehh.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi tirrispingi t-talbiet ta’ l-attrici, bl-ispejjez jithallsu kollha minnha.

(ft) Philip Sciberras
______________________
Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha
_____________________
Emanuel Sciriha
Deputat Registratur